

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2023 – Chart vs EUIPO (ABSOLUTEFLOW)**(Kawża T-21/23)**

(2023/C 83/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Chart Inc. (Ball Ground, Georgia, l-Istati Uniti tal-Amerika) (rappreżentanti: R. Drożdż u J. Wachinger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ABSOLUTEFLOW – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 669 744

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Ottubru 2022 fil-Każ R 1583/2022-1

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2023 – Markt-Pilot vs EUIPO (MARKT-PILOT)**(Kawża T-22/23)**

(2023/C 83/39)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Markt-Pilot GmbH (Beilstein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Nielen, avukat, u A. Puff, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "MARKT-PILOT" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 531 626

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Novembru 2022 fil-Każ R 672/2022-2

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2023 – GKP vs EUIPO – Cristalfarma (TIARA RUBIS)**(Kawża T-518/22) ⁽¹⁾**

(2023/C 83/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 398, 17.10.2022.
